MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 659/2005

**Alex Busuttil (K.I. 31369M)**

**Vs**

**Esmail Elamrousy (K.I. 15512A)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm416.71c) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut in konnessjoni ma' l-incident stradali li sehh fis-27 ta' Novembru, 2004 bejn il-karozza Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni DAN 747 u l-karozza Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni JAN 003.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u sittax-il lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm416.71c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------